Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

24 ta' April, 2001

ATT Nru. XIII ta' l-2001

ATT biex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, hareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu ta' dan l-Att hu l-Att ta' l-2001 li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "il-Kostituzzjoni".

Emenda ta' l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni.

2. L-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "ta' l-artikolu 22 (1) jew 25 (1) ta' din il-Kostituzzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 jew tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija kif ikun fis-seħħ mal-bidu fis-seħħ ta' l-Att ta' l-2000 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija";

(b) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafi (a) u (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "ta' l-artikolu 22 (1) jew 25 (1) ta' din il-Kostituzzjoni" kull fejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 jew tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija kif ikun fis-seħħ mal-bidu fis-seħħ ta' l-Att ta' l-2000 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "ta' l-artikolu 22(1) ta' din il-Kostituzzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija kif ikun fis-seħħ mal-bidu fis-seħħ ta' l-Att ta' l-2000 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija";

(iii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "li tkun il-mara" għandhom jidħlu l-kliem "li tkun ill-konjuġi", u minflok il-kliem "u tkun qed tgħix ma' dik il-persuna jew tkun l-iben jew il-bint taħt il-wieħed u għoxrin sena ta' età ta' dik il-persuna," għandhom jidħlu l-kliem "u li tkun miżżewġa lil dik il-persuna għal mill-inqas ħames snin u li tkun tgħix ma' dik il-persuna, jw tkun l-iben jew il-bint taħt il-wieħed u għoxrin sena ta' età ta' dik il-persuna, jew";

(iv) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:-

"(d) li tkun l-armla jew l-armel ta' persuna msemmija fil-paragrafu (a) jew fil-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu jew ta' persuna li fil-waqt tal-mewt tiegħu jew tagħha kienet ċittadin ta' Malta bis-saħħa tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 jew tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija kif ikun fis-seħħ mal-bidu fis-seħħ ta' l-Att ta' l-2000 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, u li kienet għadha tgħix mieġħu jew jgħix magħha fil-waqt tal-mewt tiegħu jew tagħha u li kienet ilha miżżewġa lil dik il-persuna għal mill-inqas ħames snin, jew li kieku kienet, li ma kienx għall-mewt ta' dik il-persuna, tkun ilha hekk miżżewġa għal mill-inqas ħames snin, jew tkun l-iben jew il-bint taħt l-età ta' wieħed u għoxrin sena ta' dik il-persuna,"; u

(v) minflok il-kliem " ta' l-artikolu 22 (1) jew 25 (1) ta' din il-Kostituzzjoni." għandhom jidħlu l-kliem "tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 jew tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija kif ikun fis-seħħ mal-bidu fis-seħħ ta' l-Att ta' l-2000 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija;", u minnufih fi tmiem is-subartikolu għandhom jiżdiedu dawn il-provisos li ġejjin:-

"Iżda jekk il-Ministru responsabbli għall-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu maċ-ċittadinanza Maltija f'xi żmien b'ordni jiddikjara li jkun kontra l-interess pubbliku li konjuġi kif hemm imsemmi fil-paragrafu (ċ) ta' dan is-subartikolu, jew armla jew armel kif hemm imsemmi

fil-paragrafu (d) ta' dan is-subartikolu, jew iben jew bint li jkollhom 'il fuq minn tmintax il-sena ta' età kif hemm imsemmi fil-paragrafu (ċ) jew (d) ta' dan is-subartikolu għandhom hekk jitqiesu, jew ikomplu hekk jitqiesu, dawk il-konjuġi, armla, armel, iben jew bint, skond il-każ, għandhom ma' dan itemmu milli jitqiesu bħala ċittadini ta' Malta kif imsemmi qabel;

Iżda wkoll, il-Ministru responsabbli għall-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu maċ-ċittadinanza Maltija ma għandux ikun meħtieġ li jagħti ebda raġuni għall-ħruġ ta' xi ordni msemmi fil-proviso li jiġi minnufih qabel, u d-deċiżjoni tal-Ministru dwar xi ordni bħal dan ma għandha tkun suġġetta għal appell jew stħarriġ f'ebda qorti.".

Emenda ta' l-artikolu 66 tal-Kostituzzjoni.

3. Fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 66 tal-Kostituzzjoni, minflok il-kliem "l-artikoli 113, 114, 118, 119 jew 120", għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 113, 114, 115A, 118, 119 jew 120".

Żieda tal-Kapitolu XA ġdid mal-Kostituzzjoni.

4. Minnufih wara l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni għandu jidħol dan li ġej:

"KAPITOLU XA

KUNSILLI LOKALI

Kunsilli Lokali.

115A. L-Istat, għandu jadotta sistema ta' gvern lokali li biha t-territorju ta' Malta jinqasam f'dak l-għadd ta' lokalitajiet hekk kif jista' minn żmien għal żmien jiġi stabbilit b'liġi, b'dan li kull lokalità tkun amministrata minn Kunsill Lokali elett mir-residenti tal-lokalità u li jitwaqqaf u jitħaddem skond dik il-liġi li tista' minn żmien għal żmien tkun fis-seħħ.".

Disposizzjoni transitorja.

5. L-emenda ta' l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni magħmula bl-artikolu 2(b)(iii) ta' dan l-Att ma għandha tolqot ebda jedd li jkun ġie leġittimament miksub minn xi persuna qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 525 tat-2 ta' April, 2001.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati